**31 ta' Ottubru, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

George Vigo

*versus*

Onor. Domenico Mintoff ne. et.

**Prerogattiva Reġja — "Malta Constitution Letters Patent, 1947" — Income Tax Act. 1948.**

*Il-Kostituzzjoni li ġiet mogħtija lil Malta fis-sena 1947 ġiet promulgata legalment u hija "intra vires"; u għalhekk, l-Income Tax Act, 1948, li ġie maħruġ taħt dik il-Kostituzzjoni, huwa wkoll validu u legali.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, premess li per mezz ta' Letters Patent ġiet promulgata mill-Kuruna Ngliża l-Kostituzzjoni għal Malta tal-1947; u premess li Malta ma għaddietx taħt il-Kuruna Ngliża b'konkwista jew b'ċessjoni, iżda per mezz ta' "compact", jew ftehim, bejn il-Maltin u l-Kuruna Ngliża; u premess li konsegwentement il-Kuruna

Ngliża ma kellha qatt id-dritt li tilleġisla għal Malta in virtù tal-Prerogattiva tagħha; u premess li, anki jekk il-każ ta' Malta jiġi kunsidrat bħala ċessjoni, dik iċ-ċessjoni saret u kienet kondizzjonata bid-Dikjarazzjoni ta' Drittijiet tal-Kungress Malti tal-15 ta' Ġunju 1802, liema Dikjarazzjoni ma tagħtix lill-Kuruna Ngliża dan id-dritt; u premess li, jekk jiġi eskluż il-"compact" jew iċ-ċessjoni kondizzjonata, dan iwassal għall-konsegwenza li l-Ingilterra qatt ma kellha, u lanqas għandha, ebda titolu għall-Gżira ta' Malta u saret użurpazzjoni kontinwa tad-drittijiet tal-Maltin; u premess li, in vija subordinata, anki jekk il-Kuruna Ngliża kellha d-dritt li tilleġisla qabel l-1921, dan id-dritt tilfitu irrevokabbilment meta ġiet promulgata l-Kostituzzjoni tal-1921, li biha ġie mogħti lil Malta Gvern Responsabbli; u premess li dan kollu juri li fl-1947 il-Kuruna Ngliża ma kellhiex id-dritt li tilleġisla għal Malta per mezz ta' Letters Patent jew in virtù tal-Prerogattiva tagħha; u premess li konsegwentement il-Kostituzzjoni tal-1947 ġiet mogħtija illegalment, u li għalhekk hi "ultra vires", nulla u bla effett, u nulli huma l-liġijiet magħmulin taħtha, fosthom l-Income Tax Act, Att LIV tal-1948; u premess illi b'ċitazzjoni 476 tas-sena 1957, preżentata quddiem din il-Qorti, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ħarrek lill-attur biex dan iħallas £50 taxxa addizzjonali skond dak l-Att; talab li jiġi dikjarat u deċiż illi l-Kuruna Ngliża ma kellha qatt id-dritt li tilleġisla għal Malta per mezz ta' Letters Patent, in virtù tal-Prerogattiva, jew għal xi raġuni oħra; subordinatament, li jiġi dikjarat u deċiż li, fi kwalunkwe każ; il-Kuruna Ngliża tilfet dan id-dritt fl-1921 per mezz tal-Kostituzzjoni mwaqqfa f'dik is-sena bil-"The Malta Constitution Letters Patent, 1921"; u jiġi dikjarat u deċiż li l-"Malta Constitution Letters Patent 1947" huma "ultra vires", nulli u bla ebda effett; u li jiġi dikjarat u deċiż li l-Att LIV tal-1948 ta' Malta huwa wkoll null u bla ebda effett. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

B'ċitazzjoni numru 476 tal-1957, il-Kummissarju tat-

Taxxi Interni ħarrek quddiem din il-Qorti lill-attur f'din il-kawża għall-ħlas ta' £50 taxxa addizzjonali skond l-Income Tax Act, LIV/1948. In vista tal-eċċezzjoni mogħtija ta' nullità ta' dak l-Att, fuq il-motiv li hija nulla l-Kostituzzjoni ta' Malta tal-1947, ġiet proposta din il-kawża għall-otteniment tad-dikjarazzjonijiet mitluba fiċ-ċitazzjoni;

Hija t-teżi tal-attur li Malta għaddiet taħt il-Kuruna Ngliża la b'konkwista u lanqas b'ċessjoni, imma b'"compact" jew ftehim bejn il-Maltin u l-Kuruna Ngliża, u li konsegwentement il-Kuruna Ngliża ma kellha qatt id-dritt li tilleġisla għal Malta in virtù tal-Prerogattiva Sovrana; u li, anki kieku kellu jiġi ritenut li kien il-każ ta' ċessjoni, din kienet kondizzjonta bid-Dikjarazzjoni ta' Drittijiet tal-Kungress Malti tal-15 ta' Ġunju 1802, li ma tgħatx lill-Kuruna Ngliża dak id-dritt;

Subordinatament, l-attur sostna illi, jekk il-Kuruna Ngliża kellha d-dritt li tilleġisla kif intqal qabel l-1921, dan id-dritt intilef irrevokabbilment bil-Kostituzzjoni ta' Malta tal-1921, u konsegwentement l-istess Kuruna ma kelliex id-dritt li tilleġisla għal Malta per mezz tal-Letters Patent tal-1947, jew in virtù tal-prerogattiva tagħha, taħt liema Kostituzzjoni ħareġ l-Income Tax Act in kwistjoni;

L-ewwel punt sollevat mill-attur jinsab riżolut f'sens kuntrarju għal dak li qiegħed isostni, fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-11 ta' Ottubru 1937 in re "Strickland vs. Sammut", u approvat, l-istess punt, mill-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re fis-sentenza fl-istess ismijiet tal-11 ta' Marzu 1938, u konfermat mill-Kumitat Ġudizzjarju tal-Privy Council fil-25 ta' Lulju 1938;

Il-punt subordinatament sostnut mill-attur ġie wkoll riżolut kontra t-teżi tiegħu mill-istess Kumitat Ġudizzjarju fid-deċiżjoni riferita;

Il-Qorti tal-Appell ta' Malta, fis-sentenza "Strickland vs. Hunter" tal-15 ta' Diċembru 1939, u l-Qorti Kriminali f'sede ta' Appell, fil-kawża "Il-Pulizija vs. George Vigo"

tat-28 ta' Ġunju 1950, u fl-oħra fl-istess ismijiet tad-19 ta' Mejju 1956, tennew il-konklużjonijiet tal-Privy Council fis-sentenza tal-1938 fuq imsemmija;

Ebda raġuni ma nġiebet biex din il-Qorti tiddipartixxi mill-konklużjonijiet tal-ġurisprudenza f'din il-materja ta' importanza somma għall-istabbilizzazzjoni tal-liġijiet fil-pajjiż;

Għalhekk;

Tiċħad it-talba tal-attur; bl-ispejjeż kontra tiegħu.